MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2012

Numru. 982/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Elton Taliana)
(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Anthony Borg ta' 29 sena, imwieled Birkirkara nhar il-21 ta' Frar 1983, bin Peter u Vincenza nee' Cassar residenti gewwa Flt1, Frank Flts, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta'l-identita' nru 260783(M)**

**u**

**Jonathan Calleja ta' 30 sena iben Carmel u Gemma nee' Galea, imwieled Pieta' fit-28 ta' April 1982, u residenti gewwa Flt1, Paradise Flats, Triq Dun Xand Cortis Birkirakara, detentur tal-karta ta'l-identita' nru 249582(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Anthony Borg u Jonathan Calleja akkuzati talli nhar it-22 ta' Awwissu 2009, ghal habta ta'l-ghaxra u nofs ta' filghaxija, minn go residenza 181, Triq John Borg, Birkirkara ikkomettew serq ta' flus kontanti u gojjellerija u xi oggetti ohra liema serq ma jeccediex l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37) ghad-dannu ta' Michael u Lorraine Zarb, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur, bil-mezz, bil-lok u bil-hin.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fir-residenza 181, Triq John Borg, Birkirkara, ghad-dannu ta' Michael u Lorraine Zarb liema hsara ma tkunx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Aktar talli ikkomettew reat waqt li kienu taht sentenza sospiza, liema sentenzi inghataw mill-Qorti tal-Magistrati Maltin presjeduti mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona nhar it-23 ta' Gunju 2008 kontra Anthony Borg u mill-Magistrat Dr. L. Quintano nhar it-22 ta' Settembru 2008 kontra Jonathan Calleja, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba titratta lill-imputati bhala recidivi ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali meta huma gew misjuba hatja u ikkundannati ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-14 ta' Dicembru 2010.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw illi ma kellhomx oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputati jinsabu akkuzati bir-reat tas-serq aggravat, kif ukoll tal-hsara volontarja meta allegatament huma wettqu serqa mill-fond 181, Triq John Borg, Birkirkara. Illi fil-jum indikat fl-akkuza kienu ghaddejjin ic-celebrazzjonijiet ghall-festa ta' Santa Elena gewwa Birkirkara. Il-parti leza, l-konjugi Michael u Lorraine Zarb jiggestixxu bar f'Birkirakra u ghalhekk dak in-nhar tal-festa kienu imhabbtin sew minhabba fin-negozju taghhom. F'hin minnhom it-tifel taghhom Dylan ta' 14-il sena talabhom imur sad-dar sabiex igib xi flokk u ghalhekk ghaddewlu ic-cavetta tad-dar. Huwa mar flimkien ma' zewgt itfal ohra. Kif wasslu vicin ir-residenza, Dylan osserva persuna wara il-bieb ta' barra. Huwa gibed l-attenzjoni ta' shabu ghal dana il-fatt. Sadanittant in-nies li kienu gewwa indunaw bih u hargu jigru, tnejn minnhom b'lizar fuq rashom u ghalhekk it-tifel ma setax jidentifikahom. Madanakollu wiehed minnhom huwa rah minn wiccu u fil-fatt aktar tard jaghti deskrizzjoni tieghu lil pulizija u anke jirnexxielu jidentifikah meta issir l-***identification parade*** gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Dina il-persuna kienet certu Etienne Farrugia. Fil-fatt sussegwentement ittiehdu proceduri kriminali kontra dana Farrugia fejn huwa ammetta ghall-akkuzi migjuba il-konfront tieghu. Fil-fatt peress illi l-kawza tieghu kienet ghaddiet in gudikat, l-istess Etienne Farrugia ingieb bhala xhud f'dina l-kawza fejn huwa xehed dwar l-involviment tieghu flimkien maz-zewg imputati f'dina is-serqa.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija kif ukoll mill-inkjesta magisterjali li saret in konnessjoni ma' dina is-serqa irrizulta illi sabiex il-malviventi kisbu access ghad-dar

huma uzaw turnavit sabiex sgassaw il-bieb ta' barra. Gewwa instab taqlib shih f'diversi kmamar tad-dar. Il-parti leza tikkontendi illi f'dina is-serqa ittiehdu €650 fi flus kontanti, curkett tad-deheb lewn isfar b'disgha hagriet valur ta' €815, curkett iehor tad-deheb li l-valur tieghu mhux maghruf, brazuletta valur ta' madwar €350, gizirana ukoll il-valur taghha mhux maghruf u lizar lewn roza tal-marka Barbie, kif ukoll investa. Illi fis-serqa saret ukoll hsara fil-bieb ta' barra liema hsara giet stmata mill-perit Vincent Ciliberti nominat fl-inkjesta ghal valur ta' €350.[1]

Illi fil-vicinanzi tad-dar instabet karozza tal-ghamla Renault 5 bin-numru ta' registrazzjoni IAS 742 li kienet miftuha u bic-cwievet fl-ignition. F'dina il-vettura instabu telefon cellulari, xi basktijiet b'affarijiet relatati mal-isport tal-karate, pakkett sigaretti, xi zerriegha suspettata tal-cannabis, sigaretti tal-brim u mazz cwievet ohra. Illi inoltre taht dina l-vettura instab turnavit li jidher illi kien l-istess wiehed li intuza sabiex gie illievat il-bieb ta' barra.[2]

Illi mill-provi akkwiziti fl-atti jirrizulta illi dina l-vettura kienet illicenzjata fuq l-imputat Anthony Borg, u irrizulta ukoll illi ic-cwievet li kien hemm fit-tieni mazz misjub fil-karozza kien jappartjeni lill-imputat Jonathan Calleja u dana fuq ammissjoni tieghu stess. [3] Inoltre fuq il-pakkett tas-sigaretti Rothmans li instab fil-vettura instab li impronti li qabel mal-marka tas-saba l-werrej ta'l-id ix-xelluija ta'l-imputat Jonathan Calleja.[4]

Illi oltre dana kollu, il-Qorti tirrileva illi fis-seduta tas-06 ta' Ottubru 2010, id-difiza iddikjarat illi l-imputati ma humiex qeghdin jikkontestaw il-fatt illi huma kienu presenti fuq ix-xena tar-reat u cioe' fil-post u fil-gurnata indikati fl-akkuza.[5] Dak li qed tikkontesta d-difiza huwa il-fatt illi l-imputati serqu xi affarijiet minn dana l-fond. Jargumentaw ghalhekk illi huma jistghu jinstabu hatja biss ta' tentattiv izda mhux tar-reat ikkunsmat.

---

[1] Ara rapport tal-espert Vincent Ciliberti a fol.19 et. seq tal-process verbal Dokument JM
[2] Ara ritratt numru 09 BTT 159 u 09 BTT 160 a fol.165 tal-process.
[3] Ara stqarrija ta' Jonathan Calleja a fol. 17 tal-process.
[4] Ara rapport ta' Joseph Mallia a fol.14 tieghu Dokument JM 1 a fol.140 tal-process
[5] Ara verbal a fol.176 tal-process

Illi fix-xhieda tieghu Etienne Farrugia jiddiskrivi kif it-tlieta li huma ftiehmu li iwettqu dina is-serqa. Jikkonferma illi huma wasslu fuq il-post bil-vettura ta' l-imptat Anthony Borg. Jikkonferma ukoll illi huma kisbu access ghad-dar tal-parti leza permezz ta' turnavit li gie uzat sabiex huma illivaw il-bieb ta' barra tar-residenza in kwistjoni. Meta mistoqsi mid-difiza jekk huma lahhqux hadu xi oggetti minn dana il-fond, Farrugia iwiegeb illi huwa ma ha xejn, izda ma jistax ighid l-ohrajn x'ghamlu. Ighid illi kienu ilhom ftit tal-hin hemmhekk meta is-serqa giet sfrattata minn iben il-parti leza Dylan Xuereb. Ighid illi huma harrbu jigru mill-post, izda filwaqt illi l-imputati irnexxielhom ighattu wicchom b'lizar li hadu minn fuq il-post huwa ma irnexxielux u kien ghalhekk illi Dylan Xuereb irnexxielu jidentifikah.[6]

Illi ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi jekk l-imputati ghandhomx jinstabu hatja tat-tentattiv tar-reat peress illi is-serqa giet sfrattata, jew inkella tar-reat ikkunsmat. Illi meta wiehed iqies it-tentattiv ta' reat necessarjament iqies il-falliment jew in-nuqqas ta' ezekuzzjoni tad-delitt u dana minhabba kwalunkwe raguni. Illi f'dana il-kaz ma hemmx dubbju illi fil-waqt ta'l-ezekuzzjoni ta' dana id-delitt, l-imputati gew sfrattati milli ikomplu bl-azzjonijiet taghhom. Dana ma ifissirx illi huma ma irnexxielhomx jaghmlu dak illi kellhom l-intenzjoni li jaghmlu u cioe' li jikkomettu serq minn dana l-fond. Etienne Farrugia, l-komplici f'dana ir-reat ighid illi huwa ma seraq xejn ghax ma kellux ic-cans jaghmel dan peress illi wara ftit minuti huma telqu jigru 'il barra. Izda ma jistax ighid jekk l-imputati l-ohra lahhqux hadu xi haga. Meta mistoqsi mill-Qorti jekk t-tlieta li huma hadux xi haga minn dina s-serqa, huwa iwegeb:

**"Jiena ma hadt xejn zgur ha nghidu hekk."**

Ikompli ighid illi ma kienx hemm bizzejjed hin biex jiehdu xi affarijiet.

---

[6] Ara xhieda ta' Etienne Farrugia a fol.180 et. seq.

Il-Qorti madanakollu tqies illi dak li ighid Farrugia ma huwiex ikkonfortat mill-provi l-ohra li hemm fl-atti. Ibda biex il-parti leza tikkonferma illi wara li sehhet is-serqa, hija sabet neqsin xi flus u anke xi oggetti tad-deheb, kif indikat iktar 'il fuq. Patricia u Michael Zarb jikkonfermaw illi huma ma ghandhom l-ebda assigurazzjoni fuq id-dar u kwindi ma setghux ghamlu dina d-dikjarazzjoni ghal xi skop ulterjuri. Mix-xhieda ta' Patricia Zarb jirrizulta illi l-flus li gew misruqa kienu dawk li hija kienet warrbet sabiex jithallas il-kont tad-dawl. Fil-fatt f'wiehed mir-ritratti esebieti mill-ufficjali tax-xena tar-reat u specifikatament dak bin-numru 09 BTT120 u 121[7], jidher envelope miftuh b'xi muniti hdejh u kont tad-dawl. Illi fit-tieni lok jekk wiehed ihares lejn ir-rapport tal-ufficjali tax-xena tar-reat b'mod specjali tal-PS117 Antoine Fenech u PC453 Brian Cassar jirrizulta illi fil-fond, specjalment fil-kamra tas-sodda kien hemm taqlib shih. Dana ifisser illi ghalkemm Farrugia ighid illi damu gewwa biss ghal ftit minuti, madanakollu jidher illi kellhom hin bizzejjed biex ifitxxu mad-dar kollha u iqallbu anke f'xi kmamar tant ghalhekk illi qabel harrgu jigru lahhqu sabu l-oggetti in kwistjoni u haduhom maghhom.[8] Dana kollu ghalhekk iwassal lil Qorti ghal konkluzjoni wahda u cioe' illi t-tlett imputati irnexxielhom iwettqu dak li kien fl-intenzjoni taghhom li jaghmlu u cioe' li jiehdu flus u oggetti ta' valur mill-fond in kwistjoni, ghalkemm is-serqa giet sfrattata f'nofsha minn iben il-parti leza. L-imputati ghalhekk qatt ma jistghu jinstabu hatja ta' tenattiv biss billi mill-fatt wahdu illi gew misruqa l-oggetti indikati mill-parti leza, dana iwassal necessarjament ghal konsumazzjoni tad-delitt billi l-ghan tal-imputati gie milhuq.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju jirrizulta illi lill-imputati qed jigi addebitat ir-reat tas-serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, lok u hin. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputati kienu tlieta minn nies biex jikkomettu dina is-serqa. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-aggravju ta' vjolenza

---

[7] Dokument a ol.165

[8] Ara rapport a fol. 165, ritratti numru 09 BTT 113, 09 BTT114, 09 BTT115, 09 BTT 117, 09 BTT118

jirrizulta ippruvat u dana a tenur ta'l-artikolu 262(1)(b) tal-Kapitolu 9. Inoltre l-imputati kisbu access ghal fond billi sgassaw il-bieb ta' barra u ghalhekk l-aggravju tal-mezz jirrizulta ukoll ippruvat. F'dina is-serqa insterqu oggetti tal-valur li jeccedi l-€1000 minn dar ta' abitazzjoni u liema serqa giet imwettqa wara inzul ix-xemx. Kwindi l-aggravji kollha jirrizultaw ampjament ippruvati. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi l-imputati ghamlu hsara fil-bieb ta' barra tar-residenza u kwindi jirrizulta ukoll ir-reat ikkontemplat fl-artiklu 325(1)(b), izda peress illi l-hsara in kwistjoni giet ikkawzata bhala mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat tas-serq il-Qorti meta tigi biex tinfliggi l-piena ser tapplika il-provvedimenti ta'l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti tistqarr minnufih li ma tistax titratta maz-zewg imputati bl-istess mod ghalkemm it-tnejn huma akkuzati li huma recidivi, liema akkuza tirrizulta ampjament ippruvata.[9] Jidher illi l-imputat Anthony Borg bhal issa huwa mizmum fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u qed jiskonta iktar minn piena karcerarja wahda. Dana johrog mis-social enquiry report li jinsab fl-atti u mill-fedina penali ta'l-imputat.[10] Minn hawn ukoll johrog il-karattru kemmxejn refrattarju ta'l-imputat li ghalkemm ghadu zghir fl-eta' madanakollu ma jistax jaghraf johrog mit-triq tad-delinkwenza ghalkemm inghata diversi opportunitajiet sabiex jaghmel dan. Kwindi l-Qorti ma tistax hlief tinfliggi piena karcerarja ohra fil-konfront ta'l-imputat Anthony Borg. Illi fir-rigward ta'l-akkuza li tirreferi ghas-sentenza sospiza tat-23 ta' Gunju 2008 moghtija minn dina l-Qorit kif diversament ippresjeduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona, irid jinghad illi f'dina s-sentenza l-imputat wehel multa ta' €300, kif ukoll gie applikat l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 fejn is-sentenza sospiza tal-21 ta' Ottubru 1999 giet estiza ghal perijodu ta' erba' snin.[11] Issa minn qari akkurat tad-dokument esebiet a fol.236 jirrizulta illi l-multa inflitta f'dik is-sentenza giet konvertita f'piena karcerarja ta' tlettax il-

[9] Ara x-xhieda tal-ex Supretendent Mario Bonello a fol 202 u id-Dokumenti MB u ET2 u l-ispettur Christopher Pullicino a fol.210
[10] Ara fol.236 tal-process
[11] Ara sentenza Dokument ET2 a fol.207

jum li ser jiddekorru mid-29 ta’ Ottubru 2013 sal-11 ta’ Novembru 2013. Inoltre s-sentenza sospiza tal-21 ta Ottubru 1999 li giet estiza permezz tas-sentenza tat-23 ta’ Gunju 2008 diga giet fis-sehh u dana permezz ta’ sentenza moghtija minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta tas-07 ta’ April 2010 (Magistrat Jacqueline Padovani Grima). Kwindi dina l-akkuza diga ghaddiet in gudikat u l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’l-istess.

Illi l-istess ma jistax jinghad fir-rigward ta’l-imputat l-iehor Jonathan Calleja. Jonathan Calleja huwa missier ta’ tlett itfal, ghandu impieg fiss u ghandu relazzjoni fissa mat-tfajla tieghu, omm uliedu. Illi mis-social enquiry report esebit in atti jidher illi l-imputat qieghed jaghmel l-almu tieghu biex jirriforma hajjtu u jifforma familja mas-siehba tieghu. Ma jidhirx illi huwa rega xiref difrejgh mal-gustizzja u ma ghandux kazijiet ohra pendenti. Galdaqstant piena karcerarja effettiva fil-konfront tieghu ma hijiex ser tkun idonja. Ghalhekk is-sentenza sospiza ta’ tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin ser tigi estiza ghal tliet snin ohra dekoribbli mil-lum filwaqt illi ghar-reati addebitati lilu permezz ta’ dina l-kawza, l-imputat ser jitqieghed taht ordni ta’ probation ukoll ghal tliet snin sabiex huwa ikollu persuna professjonali biex tiggwidah u izommu fit-triq it-tajba. Il-Qorti tittama illi l-imputat jaghraf illi illum huwa ghandu ir-responsabbilta’ tat-tliet uliedu u ghalhekk irid iqies l-agir tieghu b’mod iktar ghaqli u dana sabiex mhux biss ikun missier ezemplari ghal uliedu izda ukoll biex jaghtihom l-ahjar trobbija.

Galdaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(b), 263(a), 264, 267, 269(g), 270, 276, 277(b), 278, 279(a), 280(2), 325(1)(b), 17(h), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fil-konfront ta’l-imputat Jonathan Calleja wahdu l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, tikkundanna **lill-imputat Anthony Borg ghal perijodu ta’ sena u nofs prigunerija** filwaqt li fil-konfront ta’**l-imputat Jonathan Calleja, fid-dawl tal-konsiderazjzonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-**

**Ligijiet ta' Malta tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum.** Inoltre qieghda testendi is-sentenza sospiza moghtija minn dina l-Qorti fit-22 ta' Settembru 2008 ta' tmintax-il xahar prigunerija ghal tlett snin ohra li jibdew jidekorru mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati Jonathan Calleja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikser l-ordni ta' probation imposta fuqu illum u jekk jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Fianlment wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 u l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputati Anthony Borg u Jonathan Calleja ihallsu solidalment bejniethom lill-parti leza Patricia u Michael Zarb  is-somma ta' €2000 u dana fi zmien tliet snin mil-lum.

Fnalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hatja ihallsu solidalment bejniethom is-somma ta' €2158.25 lir-Registratur tal-Qorti u dana ukoll fi zmien tliet snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------